

Brussell, 14 ta' Ġunju 2017  
(OR. en)

10151/17

COSI 132	VISA 227
FRONT 266	FAUXDOC 29
ASIM 70	COPEN 197
DAPIX 230	CT 59
ENFOPOL 299	EJUSTICE 76
ENFOCUSTOM 151	JAI 592
SIRIS 103	CSCI 12
DATAPROTECT 117	SAP 4

## EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 8 ta' Ġunju 2017

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 9448/17

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-triq 'il quddiem biex jitjieb l-iskambju ta' informazzjoni u tiġi żgurata l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE  
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (8 ta' Ġunju 2017)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-triq 'il quddiem biex jitjieb l-iskambju ta' informazzjoni u tiġi żgurata l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE, adottati mill-Kunsill fit-3546 laqgħa tiegħu li saret fit-8 ta' Ġunju 2017.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-triq 'il quddiem biex jitjeb l-iskambju ta' informazzjoni u tiġi żgurata l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

KONVINT li l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jistgħu jipprovdu biss sigurtà u protezzjoni lill-poplu tagħhom permezz ta' sforz komuni, peress li huwa biss flimkien li għandhom il-mezzi u l-informazzjoni rilevanti, b'mod partikolari fir-rigward ta' dawk il-persuni li jidħlu fl-Ispazju ta' Sigurtà, Libertà u Ġustizzja u li jheddu l-valuri Ewropej komuni;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRA l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna Mġedda għall-UE tas-16 ta' Ġunju 2015<sup>1</sup>, li tiddikjara li jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-azzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri mmirati li jtejbu l-iskambju u l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni, speċjalment billi jiżguraw l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni differenti u billi jinkoraġġixxu l-aktar għażla adatta tal-mezzi għall-iskambju ta' informazzjoni rilevanti;

FILWAQT LI JFAKKAR li l-interoperabbiltà hija prijorità fl-ogħla livell politiku, kif iddikjarat mill-Kunsill Ewropew fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2015: "L-attakki terroristiċi reċenti juru b'mod partikolari l-urġenza li tissaħħaħ il-kondiviżjoni tal-informazzjoni rilevanti, b'mod partikolari fir-rigward (...) tal-iżgurar tal-interoperabbiltà tal-bażijiet ta' data rilevanti fir-rigward tal-kontrolli tas-sigurtà";

FILWAQT LI JKAKKAR li l-attakki terroristiċi reċenti u atti kriminali oħrajn urew li l-użu ta' informazzjoni ta' identità frodulentu kellu ripetutament rwol ewlieni fil-*modus operandi* tal-awturi;

---

<sup>1</sup> 9798/15

FILWAQT LI JŻOMM F'MOĦĦU li l-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha "Sistemi ta' Informazzjoni Aktar B'saħħithom u Aktar Intelliġenti għall-Fruntieri u s-Sigurtà" tas-6 ta' April 2016<sup>2</sup> elenkat in-nuqqasijiet li ġejjin relatati mas-sistemi ta' informazzjoni: l-użu subottimali tal-funzjonalitajiet tas-sistemi ta' informazzjoni eżistenti, il-lakuni fl-arkitettura tal-ġestjoni tad-data tal-UE, l-isfond kumpless tas-sistemi ta' informazzjoni li huma rregolati b'mod differenti, u arkitettura frammentata tal-ġestjoni tad-data għall-kontroll u s-sigurtà fil-fruntieri;

FILWAQT LI JFAKKAR li fil-Komunikazzjoni msemmija qabel, il-Kummissjoni ħabbret l-istabbiliment tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar is-Sistemi ta' Informazzjoni u l-Interoperabbiltà, li għandu l-kompitu li jindirizza l-aspetti legali, tekniċi u operazzjonali tal-alternattivi differenti biex tinkiseb l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni, inkluż il-ħtieġa, il-fattibbiltà teknika u l-proporzjonalità tal-alternattivi disponibbli u l-implikazzjonijiet tagħhom għall-protezzjoni tad-data;

FILWAQT LI JFAKKAR li l-Pjan Direzzjonali għat-titjib tal-iskambju tal-informazzjoni u l-ġestjoni tal-informazzjoni inkluż soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni<sup>3</sup>, approvat mill-Kunsill fid-9 u l-10 ta' Ġunju 2016, jinkludi analiżi tal-isfidi ewlenin rigward l-arkitettura tal-informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-ĠAI u jelenka azzjonijiet iddedikati għall-indirizzar ta' dawk l-isfidi;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRA d-Deċiżjoni (UE) 2015/2240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 li tistabbilixxi programm dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà u oqfsa komuni għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji u ċ-ċittadini Ewropej (Programm ISA2) bħala mezz għall-modernizzazzjoni tas-settur pubbliku<sup>4</sup>;

KONVINT li l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni hija qasam fejn l-UE tista' tagħmel progress kbir u tagħmel differenza reali għall-benefiċċju taċ-ċittadini kollha u li jenħtieġ arkitettura tal-ġestjoni tad-data aktar integrata għat-tishiġ kemm tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni kif ukoll tas-sigurtà interna fl-UE billi jkunu massimizzati l-benefiċċji tas-sistemi ta' informazzjoni eżistenti, bl-iżvilupp ta' azzjonijiet ġodda u komplementari għall-indirizzar ta' lakuni eżistenti u bit-titjib tal-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni, kif identifikat mill-Kunsill Ewropew u mill-Kunsill;

---

<sup>2</sup> 7644/16

<sup>3</sup> 9368/1/16 REV 1

<sup>4</sup> ĠU L 318, 4.12.2015, p. 1

KONXJU LI l-kwalità tal-informazzjoni kondiviża u maħżuna f'bażijiet ta' data tal-UE hi tal-ogħla importanza, u li l-affidabbiltà tad-data maħżuna hi indispensabbli sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' żbalji fit-tqabbil u non-hits li jdgħajfu l-valur tas-sistemi ta' informazzjoni;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRA li l-aċċess mill-awtoritajiet tal-Istati Membri kompetenti għall-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' reati kriminali serji oħra għas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni hu ta' importanza partikolari biex tiġi żgurata s-sigurtà fil-fruntieri esterni, kif ukoll is-sigurtà interna fl-Istati Membri kollha, waqt li jikkontribwixxi ulterjorment ukoll biex jiġi massimizzat il-valur ta' tali sistemi;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li xi wħud mis-sistemi ta' informazzjoni tal-UE attwali mhumiex aġġornati u kkonsultati b'mod ugwali mill-Istati Membri u dan jipprevjeni l-isfruttament tal-potenzjal sħiħ ta' dawk is-sistemi, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li sistemi ta' informazzjoni ġodda jistgħu jkunu meħtieġa wkoll sabiex jimtlew il-lakuni ta' informazzjoni attwali għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-infurzar tal-liġi, bħal pereżempju fir-rigward tal-qsim ta' fruntieri minn ċittadini tal-UE, detenturi ta' viżi għal soġġorn twil, ta' karti ta' residenza u ta' permessi ta' residenza;

KONVINT li s-soluzzjonijiet li jiżguraw l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni Ewropej huma essenzjali biex jiġu indirizzati l-isfidi li qed tiffaċċa l-Unjoni fir-rigward tat-terroriżmu, il-kriminalità u l-migrazzjoni, b'mod partikolari billi jiġi żgurat li l-individwi b'data alfanumerika u/jew bijometrika magħrufa f'waħda mill-bażijiet ta' data jiġu rikonoxxuti meta d-data titqabbel ma' data f'bażi ta' data oħra;

FILWAQT LI JFAKKAR fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Iżvilupp tal-Unjoni Doganali tal-UE u l-Governanza tagħha<sup>5</sup>, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni għat-tisħiħ tar-reazzjoni Ewropea għall-frodi tad-dokumenti tal-ivvjaġġar<sup>6</sup>, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sostenibbiltà tal-e-CODEX<sup>7</sup> u l-Pjan Direzzjonali dwar l-e-CODEX<sup>8</sup>, u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib tal-ġustizzja kriminali fiċ-ċiberspazju<sup>9</sup>, fir-rigward ta' diversi sistemi ta' informazzjoni fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni;

KONXJU LI kondiviżjoni akbar ta' informazzjoni u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà ser jeħtieġu riżorsi tekniċi u umani, kif ukoll mezzi finanzjarji fil-livell tal-UE u fl-Istati Membri;

FILWAQT LI JENFASIZZA li l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE għandhom l-obbligu li jirrispettaw id-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari d-dritt għall-privatezza u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali;

B'DAN

JILQA' r-rapport finali tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar is-Sistemi ta' Informazzjoni u l-Interoperabbiltà, inkluż id-dikjarazzjonijiet mill-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD) u l-Koordinatur tal-UE għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu (CTC) annessi għar-rapport;

JILQA' s-sejba mill-KEPD, fl-anness għar-rapport, li l-ostakli prinċipali għall-interoperabbiltà sostenibbli jirriżultaw mill-bażi legali attwali tas-sistemi ta' informazzjoni aktar milli sempliċiment mill-prinċipji tal-protezzjoni tad-data u li jenħtieġ li kwalunkwe soluzzjoni tikkonforma b'mod sħiħ mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-data;

---

<sup>5</sup> 7585/1/17 REV 1  
<sup>6</sup> 7696/17, 15502/16  
<sup>7</sup> 15774/14  
<sup>8</sup> 14465/16  
<sup>9</sup> 10007/16

JILQA' l-fehmiet tal-Kummissjoni u t-triq 'il quddiem proposta biex tinkiseb l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni sal-2020 abbażi ta' rakkomandazzjonijiet mill-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli, kif jinsabu fil-Komunikazzjoni "Is-seba' rapport ta' progress lejn Unjoni ta' Sigurtà effettiva u ġenwina" tas-16 ta' Mejju 2017<sup>10</sup>;

JIMPENJA RUĦU li jsegwi d-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli b'approċċ li jieħu kont tan-natura transettorjali tal-isfidi fl-oqsma tal-migrazzjoni, il-fruntieri u s-sigurtà f'forum iddedikat tal-Kunsill, taħt gwida strateġika u monitoraġġ mill-qrib mill-Kumitat Permanenti għall-Kooperazzjoni Operattiva dwar is-Sigurtà Interna (COSI). Fejn rilevanti, il-Kumitat Strateġiku dwar l-Immigrazzjoni, il-Fruntieri u l-Asil (SCIFA) u l-Kumitat ta' Koordinament fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali (CATS) jistgħu jiġu kkonsultati;

JAPPELLA lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) biex itejbu l-**kwalità tad-data** fis-sistemi ta' informazzjoni tal-UE permezz tal-implimentazzjoni sa fejn possibbli tal-pjan direzzjonali dwar il-kwalità tad-data<sup>11</sup> fil-kuntest tal-ħames lista ta' azzjonijiet tal-Istrateġija Mġedda għall-Ġestjoni tal-Infurmazzjoni<sup>12</sup>, u biex, flimkien mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) u, fejn rilevanti, f'kooperazzjoni mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), jiżviluppaw il-moduli ta' taħriġ meħtieġa dwar il-kwalità tad-data għall-persunal responsabbli biex idañhal data fis-sistemi u jwettaq monitoraġġ tagħhom fil-livell nazzjonali;

---

<sup>10</sup> 9348/17

<sup>11</sup> 13301/1/16 REV 1

<sup>12</sup> 5307/2/17 REV 2

JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex, flimkien mal-eu-LISA, u f'konsultazzjoni mal-Istati Membri, tistabilixxi, għas-sistemi kollha taħt ir-responsabbiltà operazzjonali tal-aġenzija, mekkaniżmi awtomatizzati għall-kontroll tal-kwalità tad-data u indikaturi komuni tal-kwalità tad-data, biex issir ħidma favur l-istabiliment ta' mażen virtwali tad-data b'data anonimizzata, u, fejn meħtieġ u adatt, tippreżenta proposti leġislattivi korrispondenti sal-ewwel kwart tal-2018;

JAPPELLA lill-Kummissjoni, fir-rigward tal-**aċċess għas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni minn awtoritajiet kompetenti għall-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew reati kriminali serji oħra**, biex tesplora l-alternattivi kif proposti mill-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli bl-għan li tikseb aktar simplifikazzjoni, konsistenza, effettività u attenzjoni għall-ħtiġijiet operazzjonali, u biex tagħmel proposti leġislattivi korrispondenti li jipprovdu qafas meħtieġ biex jiġi ffaċilitat tali aċċess f'konformità mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-data, u tippreżentah għal diskussjoni fil-Kunsill fil-bidu tal-2018;

JAPPELLA lill-Istati Membri, fir-rigward tas-**sistemi ta' informazzjoni eżistenti tal-UE**, biex jimplementaw b'mod sħiħ u japplikaw il-leġislazzjoni dwar is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS), is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), is-Sistema Ewropea tad-Dattiloskopija (Eurodac) u d-Deċiżjonijiet ta' Prüm, u biex jużaw dawn is-sistemi ta' informazzjoni u jdaħħlu data fil-bażijiet ta' data koperti minn dawk l-istrumenti biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tagħhom;

JISTIEDEN lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-eu-LISA, b'kont meħud tas-sejbiet tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli, biex ikompli jikkooperaw mill-qrib ħafna b'rabta mat-titjib tekniku u operattiv għas-SIS, il-VIS u l-Eurodac biex is-sistemi ta' informazzjoni eżistenti jitjiebu kontinwament u biex isir l-akbar użu possibbli minnhom, kif ukoll biex il-valur miżjud tagħhom jiġi massimizzat għall-awtoritajiet kompetenti li jużawhom, b'mod partikolari billi tiġi stabbilita sistema ċentrali awtomatizzata għall-identifikazzjoni tal-marki tas-swaba' (AFIS) fi ħdan is-SIS. Jenħtieġ li tiġi kkunsidrata ukoll soluzzjoni possibbli li permezz tagħha jkun jista' jsir skambju ad-hoc u reċiproku tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri sew jekk japplikaw l-acquis ta' Schengen b'mod sħiħ, parzjalment jew jekk għadhom ma japplikawhx jew jekk ma jieħdux sehem fih, kif previst fil-Pjan Direzzjonali għat-titjib tal-iskambju tal-informazzjoni u l-ġestjoni tal-informazzjoni inkluż soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni;

JAPPELLA lill-koleġislaturi biex ifittxu jiffinalizzaw n-negozjati dwar il-proposti legiſlattivi għat-titjib tas-SIS u l-Eurodac b'mod rapidu u bir-reqqa;

JISTIEDEN lill-Kummissjoni, lill-Europol u lill-eu-LISA f'konsultazzjoni mal-Istati Membri biex jesploraw u jipromwovu s-sinerġiji bejn id-data tal-Europol u sistemi eżistenti oħra;

IFAKKAR fl-istedina fil-Konklużjonijiet tiegħu tas-27 ta' Marzu 2017<sup>13</sup> biex il-Kummissjoni tiegħu l-azzjonijiet neċessarji, inkluż proposta legiſlattiva li tistabbilixxi s-sistema ta' Dokumenti Foloż u Awtentiċi Online (FADO) fuq bażi aktar soda, filwaqt li tiżgura l-kontinwità u l-iżvilupp tagħha;

IMPENJA RUĦU, fir-rigward **tas-sistemi ta' informazzjoni ġodda tal-UE**, li jilħaq qbil rapidu dwar il-proposti biex tiġi stabbilita Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) u biex tiġi stabbilita s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) f'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2016, il-Konklużjonijiet tal-President tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2017 u d-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-prijoritajiet legiſlattivi tal-UE;

JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex:

- tippreżenta proposta legiſlattiva supplementari dwar l-ECRIS-TCN ċentralizzat sal-aħħar ta' Ġunju 2017;
- tesplora, malajr kemm jista' jkun, b'segwitu għal diskussjonijiet fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti dwar il-ħtieġa potenzjali ta' reġistrazzjoni sistematika tal-qsim tal-fruntieri għaċ-ċittadini kollha tal-UE, il-proporzjonalità u l-fattibbiltà ta' tali reġistrazzjoni sistematika, pereżempju, f'bażi ta' data apposta, u tippreżenta s-sejbiet tagħha għal diskussjoni mill-Kunsill sal-ewwel kwart tal-2018;

---

<sup>13</sup> 7696/17



- tesplora, flimkien mal-Istati Membri u bl-appoġġ tekniku tal-eu-LISA, il-possibbiltajiet u l-alternattivi għar-reġistrazzjoni mmirata tal-hits miksuba fis-SIS u l-fattibbiltà tagħha, inkluż l-aċċess possibbli għalihom mill-Europol, u li jkun hemm titjib fid-disponibbiltà tal-informazzjoni supplementari li tinsab fil-formoli tas-SIS, u tippreżenta s-sejbiet tagħha għal diskussjoni mill-Kunsill sal-ewwel kwart tal-2018;
- twettaq studju dwar il-fattibbiltà bħala kwistjoni ta' prijorità għall-istabbiliment ta' repożitorju ċentrali tal-UE li jkun fih informazzjoni dwar il-viżi għal soġġorn twil, il-karti ta' residenza u l-permessi ta' residenza, tikkunsidra jekk ikunx adatt li jiġu inklużi l-permessi tat-traffiku lokali tal-fruntiera ftali repożitorju, u tippreżenta s-sejbiet tagħha għal diskussjoni mill-Kunsill sal-aħħar tal-2017;

JISTIEDEN lill-Kummissjoni, fir-rigward tal-issoktar **tat-tliet dimensjonijiet tal-interoperabbiltà kif proposti mill-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli**, flimkien jew f'kooperazzjoni mal-eu-LISA, il-KEPD, il-FRA u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, fejn rilevanti u filwaqt li tkun żgurata l-konformità sħiħa mar-rekwiżiti tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u b'mod partikolari l-qafas komprensiv għall-protezzjoni tad-data personali fl-UE, biex:

- taħdem biex jinħoloq portal Ewropew ta' tfittxija li jkun kapaċi jfittex b'mod parallel fis-sistemi rilevanti kollha tal-UE fl-oqsma tal-fruntieri, is-sigurtà u l-asil. Jenħtieġ li tiġi eżaminata wkoll il-possibbiltà ta' aċċess għad-data tal-Europol permezz tal-portal Ewropew ta' tfittxija, u jenħtieġ li jiġi esplorat, f'konsultazzjoni mal-Interpol, jekk il-bażijiet ta' data tal-Interpol jistgħux jiġu aċċessati permezz tal-portal Ewropew ta' tfittxija u, jekk iva, liema bażijiet ta' data jistgħu jiġu aċċessati u b'liema kondizzjonijiet;
- tesplora l-implimentazzjoni futura ta' servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku għat-tipi kollha ta' data bijometrika u tanalizza l-użu tiegħu bl-għan li jingħata sinjal dwar l-eżistenza ta' data bijometrika minn sistemi oħra, inkluż li twettaq analiżi, flimkien mal-Europol, dwar kif tali servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku jista' jintuża wkoll biex issir kontroverifika mad-data tal-Europol;
- tesplora l-istabbiliment futur ta' repożitorju komuni tal-identità, inkluż biex teżamina, flimkien mal-Europol, il-possibbiltà li ftali repożitorju tiġi inkluża data tal-Europol;

- tagħmel proposti legiſlattivi kif adatt skont l-eżitu tal-istudji tal-fattibbiltà fil-bidu tal-2018, inkluż permezz ta' valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa, sabiex dawn is-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà jiġu implimentati fil-prattika sal-2020;

JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex fir-rigward ta' **aspetti oħra tal-interoperabbiltà u tal-interoperabbiltà ma' sistemi jew mekkaniżmi ta' skambju ta' informazzjoni oħra**, flimkien jew f'kooperazzjoni mal-eu-LISA jew partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, bħall-esperti nazzjonali:

- tikkunsidra, flimkien mal-Istati Membri, l-Europol, l-eu-LISA, Frontex u l-Interpol, modi biex tiġi stabbilita governanza tal-Format Universali ta' Messaġġ (UMF) fil-livell tal-UE, li tippermetti proċess strutturat għat-teħid ta' deċiżjonijiet u li sservi bħala mekkaniżmu għall-ġestjoni tal-bidliet, b'kont meħud tas-sejbiet tal-proġett UMF-3 fil-kuntest tal-Istrateġija Mġedda għall-Ġestjoni tal-Infommazzjoni<sup>14</sup>, u tippreżenta s-sejbiet tagħha għal diskussjoni mill-Kunsill fl-2018;
- tkompli tiżviluppa s-sistema ta' kontroll tal-importazzjoni u twettaq studju tal-fattibbiltà biex tkompli tesplora l-aspetti tekniċi, operazzjonali u legali tal-interoperabbiltà tas-sistemi tas-sigurtà u tal-ġestjoni tal-fruntieri mas-sistemi doganali, u tippreżenta s-sejbiet tagħha għal diskussjoni mill-Kunsill sal-aħħar tal-2018;
- twettaq studju tal-fattibbiltà dwar mekkaniżmu ċentralizzat għall-infommazzjoni antiċipata dwar il-passiġġieri (API), inkluż il-ħtieġa għal router ċentralizzat, li jippermetti li l-Istati Membri interessati jkun jista' jkollhom konnettività ta' punt uniku ta' servizz għal-linji tal-ajru u li jipprovdi data API kemm lis-sistemi nazzjonali kif ukoll lis-sistemi ċentrali (EES/VIS, ETIAS), u tippreżenta s-sejbiet tagħha għal diskussjoni mill-Kunsill sat-tieni kwart tal-2018;

---

<sup>14</sup> 5307/2/17 REV 2

- mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa ta' implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva tal-UE dwar il-PNR, tikkunsidra li testendi l-istudju tal-fattibbiltà għall-implimentazzjoni ta' router ċentralizzati tal-API u tanalizza wkoll l-użu tiegħu għar-reġistri tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR), li jippermetti li l-Istati Membri interessati jkun jista' jkollhom konnettività unika għal-linji tal-ajru u jipprovdi data tal-PNR lis-sistemi nazzjonali ladarba l-Istati Membri jkunu implimentaw id-Direttiva tal-UE dwar il-PNR, u tippreżenta s-sejbiet tagħha għal diskussjoni mill-Kunsill sal-aħħar tal-2018;
- issaħħaħ l-aċċess tal-aġenziji ĠAI tal-UE għal diversi sistemi ta' informazzjoni tal-UE skont il-mandati rispettivi tagħhom, u tiżgura li l-aġenziji jużaw id-dritt tagħhom ta' aċċess kemm jista' jkun possibbli, filwaqt li tiżgura li d-data miżmuma minn Stat Membru ma tiġix kondiviża mingħajr il-kunsens ta' dak l-Istat Membru;

JISTIEDEN lill-Europol biex tkompli bil-ħidma tagħha fuq il-proġett 'Querying Europol Systems' (QUEST), inkluż b'appoġġ għall-iżvilupp ta' interfaċċi nazzjonali ta' tfittxija unika, u tiżgura li tiġi ffaċilitata l-introduzzjoni gradwali tiegħu fl-Istati Membri sal-aħħar tal-2018;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRA li, fil-kuntest **tat-titjib tal-iskambju transfruntier tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji**, skont ir-Rapport ta' Progress mis-Servizzi tal-Kummissjoni b'segwitu għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib tal-ġustizzja kriminali fiċ-ċiberspazju, jenħtieġ li l-komunikazzjoni ta' talbiet għal evidenza elettronika u t-tweġibiet għalihom isiru permezz tal-e-CODEX, u l-ħtieġa urġenti li jiġi stabbilit qafas sostenibbli fir-rigward taċ-ċiklu ta' ħajja sħiħ tal-iżvilupp u l-ġestjoni operazzjonali tal-e-CODEX fl-interess tal-awtoritajiet parteċipanti;

JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-e-CODEX, billi tipprovdi l-arranġamenti legali u tekniċi meħtieġa li jippermettu li l-eu-LISA tiżgura il-manutenzjoni u l-interoperabbiltà tiegħu, biex din l-aġenzija tkun tista' tospita s-soluzzjonijiet tal-e-CODEX sal-aħħar tal-2018;

JAPPELLA lill-Kummissjoni biex, meta tnejji inizzjattivi futuri li jindirizzaw is-sistemi ta' informazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni, tivvaluta l-impatt fuq **id-drittijiet fundamentali, inkluż il-prinċipji tal-protezzjoni tad-data** u tikkunsidra l-possibilitajiet kollha li toffri t-teknoloġija għal privatezza sa mill-fażi tat-tfassil;

JISTENNA B'INTERESS il-proposta leġislattiva tal-Kummissjoni sal-aħħar ta' Ġunju 2017 dwar it-tiżmin tal-mandat u r-riżorsi tal-eu-LISA biex permezz tagħhom tkun tista' tiżviluppa l-approċċ ta' interoperabbiltà f'konformità ma' dawn il-Konklużjonijiet, u IMPENJA RUĦU li jikkunsidra din il-proposta bħala kwistjoni ta' prijorità;

JISSOTTOLINJA li jenħtieġ li kull proposta favur it-titjib jew l-istabbiliment tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE tikkunsidra l-ħtieġa ta' riżorsi tekniċi, umani u finanzjarji addizzjonali għall-implimentazzjoni tagħha, tiżgura li jkun hemm proċessi operazzjonali u ta' ġestjoni tal-informazzjoni li jkunu effettivi u t-taħriġ tal-utenti finali, biex jakkumpanjaw il-miżuri stabbiliti f'dawn il-Konklużjonijiet;

JISTIEDEN lill-Presidenza li jmiss biex **taġġorna l-Pjan Direzzjonali** biex jitjiebu l-iskambju tal-informazzjoni u l-ġestjoni tal-informazzjoni inkluż is-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni bħala għodda komprensiva fi ħdan il-Kunsill, li tinkorpora r-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli f'konformità ma' dawn il-Konklużjonijiet, l-azzjonijiet tal-Istrateġija aġġornata għall-Ġestjoni tal-Informazzjoni (IMS) għas-sigurtà interna tal-UE, u l-azzjonijiet rilevanti l-oħra kollha li jikkontribwixxu għall-gwida, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' diversi attivitajiet li għandhom l-għan li jtejbu l-ġestjoni tal-informazzjoni u l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni b'approċċ koerenti li jfittex is-sinerġija u jevita d-duplikazzjoni;

JISTIEDEN lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha biex ikomplu jimplimentaw il-Pjan Direzzjonali.